MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Numru. 256/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**ANGELO TANTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Angelo Tanti ta’ 51, bin Joseph u anna nee’ Agius, mwieled 6 ta’ Gunju 1961 Zabbar, residenti Plantyard, Triq Hal- Tarxien, Gudja u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 421161M;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fis- 27 ta’ Novembru 2009 ghal habta tal- 11.00pm f’ Xatt San Gorg, San Giljan u/ jew fil- vicinanzi;

1) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb kontra PC 589 Etienne Grima u PC 1578 George Christopher- George Mamo, persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skond il- Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuni ta' PC 589 Etienne Grima u PC 1578 George Christopher-George Mamo, persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

3) bil- hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja fil- periklu car, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il- persuna ta' PC 589 Etienne Grima u PC 1578 George Christopher-George Mamo u wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

4) saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni FAA 159 ta' ghamla Toyota, b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

5) ghamel uzu minn vettura ghal finijiet ohra barra minn dawk li hi llicenzjata ghalihom l- vettura numru tar-registrazzoni FAA 159 tal- ghamla Toyota talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu tag ta' identifikazzjoni mahruga mill- awtorita' ghat- Trasport ta' Malta;

6) ghamel uzu minn licenzja ta' vettura bil- mutur partikolari ohra mahruga fuq vettura numru ta' registrazzjoni DAB 874 tal- ghamla Ford u uza' fuq il-vettura numru tar- registrazzjoni FAA 159 tal- ghamla Toyota;

7) saq vettura numru tar- registrazzjoni FAA 159 tal- ghamla Toyota minghajr ma kienet licenzjata mill- awtorita' ghat- trasport ta' Malta biex tintuza fit- triq (licenzja mhux imgedda);

8) talli fl- istess data, lok u cirkostanzi u kif ukoll nhar l- 14 ta' Marzu 2010 ghal habta tal- 10.00am f' Misrah il- Parrocca, Rabat ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- Pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b' mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix- xejn jew hasru dak li haddiehor ikun ghamel skont il- Ligi, jew b' xi mod iehor akkuzat talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi;

9) aktar talli fl- 14 ta' Marzu 2010 ghal habta tal- 10.00am f' Misrah il- Parrocca, Rabat u granet ta' qabel u ta' wara ghamel uzu minn vettura numru tar- registrazzjoni DAB 874 tal- ghamla Ford minghajr ma kienet licenzjata mill- awtorita' ghat- trasport ta' Malta biex tintuza fiq- triq (licenzja mhux imgedda);

10) saq vettura numru tar- registrazzjoni DAB 874 tal- ghamla Ford meta ma kienitx koperta b' polza ta' assikurazzjoni dwar ir- riskji ta' terzi persuni;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l- ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, li regghet baghtet l-ati quddiem din il-qorti sabiex tinghata sentenza mil-gdid fil-konfront tal-imputat;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati u sejra ghalhekk tghaddi ghas-sentenza. Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hekk kif presjeduta ma semghetx ix-xhieda hi, u ghalhekk ma ghexetx il-process bhal ma jigri meta tisma' hi l-provi kollha direttament. Madankollu, ix-xiehda kollha hija traskritta, u d-dokumenti esebiti huma evidenza bizzejjed sabiex din il-Qorti tiehu ftit impressjoni tal-fatti li wasslu ghal din il-kawza. Jidher ukoll li l-partijiet ftehemu fuq piena idoneja ghal dan il-kaz, u l-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba dan il-ftehim, li hu entro l-parametri tal-piena ghal dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96, 95(1), 41(1) (a), 216 (1), LS. 368.02 Reg 20, 44(5) u (7), 338 (ee), 49, 50 tal- Kapitolu 9 u Sec 15 (1)(a)(2), Sec 15 (1)(a)(3), Sec 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 u l- Artikoli 3(1) u 3(2a) tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tikkundannah multa ta' elfejn, tlett mija w tletin ewro (€2,330) u tiskwalifika l- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghal sena.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------